IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.11.2013
COM(2013) 814 final

2013/0400 (CNS)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpaniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti

{SWD(2013) 473 final}
{SWD(2013) 474 final}
{SWD(2013) 475 final}

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-kwistjoni ta' erożjoni tal-bażi korporattiva hi ta' importanza ewlenija fl-aġenda politika ta' ħafna pajjiżi tal-UE u ta' dawk li mhumiex fl-UE u kienet fl-aġenda tal-laqgħat riċenti tal-G20 u G8[1]; l-OECD attwalment qed tagħmel xogħol fuq l-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitt ('BEPS') li qed ikun milqugħ b'mod tajjeb[2].

Nontassazzjoni doppja hija waħda mill-oqsma ewlenin tal-UE li teħtieġ azzjoni urġenti u kkoordinata: hija tifforma parti minn sforz li bħalissa għaddej għat-titjib tal-funzjonament proprju tas-Suq Intern, bit-trattament tal-lakuni ġġenerati mill-esplojtazzjoni tad-differenzi fis-sistemi ta' taxxa nazzjonali. Nontassazzjoni doppja ċċaħħad lill-Istati Membri minn dħul sinifikanti u toħloq kompetizzjoni inġusta bejn in-negozji fis-Suq Uniku.

Eżempju speċifiku ta’ nontassazzjoni doppja ġie identifikat fl-2009 fil-Kodiċi ta’ Negozju tal-Grupp ta' Kondotta[3] dwar ċerti diskrepanzi ibridi finanzjarji. It-tweġibiet għall-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni tal-2012 dwar in-nontassazzjoni doppja[4] kienu qablu b’mod ġenerali li dawn id-diskrepanzi ma kienux mixtieqa.

Arranġamenti ta' self ibridu huma strumenti finanzjarji li għandhom karatteristiċi kemm ta’ dejn u ta' ekwità. Minħabba kwalifiki differenti tat-taxxa mogħtija minn Stati Membri għal self ibridu (dejn jew ekwità), pagamenti permezz ta’ self ibridu transfruntier huma trattati bħala spiża deduċibbli mit-taxxa fi Stat Membru wieħed (l-Istat Membru ta’ min iħallas) u bħala distribuzzjoni ta’ profitti eżenti mit-taxxa fl-Istat Membru l-ieħor (l-Istat Membru ta’ min jitħallas), u b’hekk ikun hemm nontassazzjoni doppja mhux intenzjonata.

Biex isolvi l-kwistjoni, il-Grupp tal-Kodiċi ta’ Kondotta qabel fuq gwida skont liema l-Istat Membru benefiċjarju għandu jsegwi l-kwalifikazzjoni mogħtija tat-taxxa għal pagamenti ta' self ibridu tal-Istat Membru tas-sors (jiġifieri l-ebda eżenzjoni tat-taxxa m'għandha tingħata għal pagamenti ta' self ibridu deduċibbli mill-Istat Membru tas-sors)[5].

Madankollu, is-soluzzjoni maqbula permezz tal-Kodiċi tal-Grupp ta’ Kondotta ma tistax tiġi implimentata b’mod sikur skont id-Direttiva 2011/96[6], kif emendata minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja[7], dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni applikabbli fil-każ tal-kumpaniji prinċipali u sussidjarji ta’ Stati Membri differenti (id-Direttiva dwar il-Kumpaniji Prinċipali u dawk sussidjarji — “PSD”). Fil-PSD, soġġetta għal diversi kundizzjonijiet ta’

---

1 Id-dikjarazzjonijiet finali tal-laqgħa tal-mexxejja tal-G20 tat-18-19 ta' Ġunju 2012; il-Kommunikazzjoni mill-laqgħa tal-Ministri tal-Finanzi tal-G20 u l-gvernaturi tal-banek ċentrali tal-5-6 ta' Novembru 2012, tal-15-16 ta' Frar 2013 u tat-18-19 April 2013; id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-kanċillier tat-teżor tal-UK u l-Ministru tal-Finanzi tal-Ġermanja fuq il-marġni tal-laqgħa tal-G20 f'Novembru 2012; il-Kommunikazzjoni mis-sammit tal-mexxejja tal-G8 tas-17-18 ta' Ġunju 2013.

2 OECD, L-Indirizzar tal-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profitt, 2013

3 Il-Kodiċi tal-Kondotta fuq tassazzjoni ta’ negozji kien stabbilit fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri tal-Ekonomija u l-Finanzi (ECOFIN) tal-1 ta’ Diċembru 1997.

4 Fid-29 ta’ Frar 2012 il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni esploratorja għall-fatti dwar in-nontassazzjoni doppja u l-impatt potenzjali tagħha fuq is-Suq Intern.

5 “Sa fejn pagamenti permezz ta’ arranġament ta’ self ibridu huma kkwalifikabbli bħala taxxa deduċibbli għad-debitur fl-arranġament, l-Istati Membri m’għandhomx jeżentaw dawn il-pagamenti bħala distribuzzjonijiet tal-profitt skont eżenzjoni ta' parteċipazzjoni” (ir-Rapport tal-Kodiċi tal-Grupp ta’ Kondotta tal-25 ta’ Mejju 2010 (dok. 10033/10, FISC 47), par. 31).

6 Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE tat-30 ta’ Novembru 2011 dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpaniji prinċipali u s-sussidjarji ta’ Stati Membri differenti (riformulazzjoni) (ĠU L 345, 29.12.2011, p. 8).

7 Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/13/UE tat-13 ta’ Mejju 2013 li tadatta ċerti direttivi fil-qasam tat-tassazzjoni, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 141, 28.5.2013, p.30).

eliġibbiltà, l-Istati Membri huma obbligati li jeżentaw mit-tassazzjoni (jew li jagħtu kreditu għat-tassazzjoni li seħħ barra l-pajjiż) id-distribuzzjonijiet tal-profitti riċevuti minn kumpaniji prinċipali minn sussidjarji ta' Stat Membru ieħor. Dan huwa l-każ anki jekk id-distribuzzjoni tal-profitti kienet ittrattata bħala pagament tat-taxxa deduċibbli fl-Istat Membru fejn ikun residenti is-sussidjarju li wed iħallas.

Kemm il-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu 2012, u l-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' April 2012, enfasizzaw il-ħtieġa li jiġu żviluppati modi konkreti biex titjieb il-ġlieda kontra l-frodi fiskali u l-evażjoni tat-taxxa. Il-Parlament Ewropew sejjaħ għal rieżami tal-PSD, sabiex tiġi eliminata l-evażjoni permezz ta' strumenti finanzjarji ibridi fl-UE.

Il-Pjan ta' Azzjoni biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi fiskali u l-evażjoni tat-taxxa adottat mill-Kummissjoni fis-6 ta' Diċembru 2012[8] jidentifika l-indirizzar ta' diskrepanzi bejn sistemi tat-taxxa bħala wieħed mill-azzjonijiet li għandhom jittieħdu fi żmien qasir (fl-2013). F'dan ir-rigward, il-Pjan ta' Azzjoni jistqarr "*Diskussjoni dettaljata mal-Istati Membri wriet li f'każ speċifiku soluzzjoni miftiehma ma tistax tinkiseb mingħajr emenda leġiżlattiva tad-Direttiva dwar il-Kumpaniji Prinċipali u Sussidjarji. L-objettiv se jkun li jiġi żgurat li l-applikazzjoni tad-direttiva ma timpedixxix bi żball l-azzjoni effettiva kontra n-nontassazzjoni doppja fil-qasam tal-istrutturi ta' self ibridu*".

Il-Pjan ta' Azzjoni ħabbar wkoll rieżami ta' dispożizzjonijiet ta' kontra l-abbuż f'direttivi dwar it-taxxa korporattiva, inkluża l-PSD, bil-ħsieb li jiġu implimentati l-prinċipji sottostanti tar-Rakkomandazzjoni tagħha dwar l-ippjanar aggressiv tat-taxxa[9]. Fir-Rakkomandazzjoni huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jadottaw regola ġenerali kontra l-abbużi ("GAAR") biex jikkontrobattu prattiki ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa.

Għalkemm il-PSD attwali fiha klawżola kontra l-abbuż, din hija nieqsa minn ċarezza u potenzjalment toħloq konfużjoni. L-inklużjoni ta' GAAR aktar komprensiva, adattata għall-ispeċifiċitajiet tal-Kumpanija Prinċipali/ Sussidjarja Prinċipali, flimkien mal-prinċipji indikati mir-Rakkomandazzjoni dwar l-ippjanar aggressiv tat-taxxa tneħħi dawn id-diffikultajiet u ttejjeb l-effiċjenza tal-miżuri meħuda fuq livell nazzjonali biex tiġġieled kontra l-evitar tat-taxxa internazzjonali, filwaqt li ttejjeb azzjonijiet koordinati mill-Istati Membri u l-iżgurar tal-konformità mat-Trattat tal-Libertajiet, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ('QtĠ-UE').

Fil-21 ta' Mejju 2013, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni[10] fejn ħeġġeġ lill-Istati Membri biex jilqgħu l-pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni u jimplimentaw bis-sħiħ ir-Rakkomandazzjoni dwar l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Il-Parlament Ewropew talab ukoll lill-Kummissjoni biex tindirizza speċifikament il-problema ta' diskrepanzi ibridi bejn sistemi fiskali differenti użati fl-Istati Membri, kif ukoll biex tippreżenta fl-2013 proposta għar-reviżjoni tal-PSD bil-ħsieb li tirrevedi l-klawżola kontra l-abbuż u biex telimina nontassazzjoni doppja fl-UE kif iffaċilitata minn arranġamenti ibridi.

Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 ta' Mejju 2013, il-Kunsill Ewropew innota l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta qabel it-tmiem tas-sena għar-reviżjoni tad-Direttiva tal-"kumpanija prinċipali/sussidjarja".

[8] COM(2012)722.
[9] C(2012)8806.
[10] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar il-Ġlieda kontra l-Frodi tat-Taxxa, l-Evażjoni tat-Taxxa u r-Rifuġji Fiskali (2013/2060(INI)).

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

B'żieda max-xogħol ta' konsultazzjoni magħmul fil-kuntest tal-Kodiċi tal-Grupp tal-Kondotta u l-konsultazzjoni pubblika mnedija mill-Kummissjoni dwar in-nontassazzjoni doppja fl-2012 (ara fil-punt 1 hawn fuq), il-Kummissjoni organizzat laqgħat tekniċi mal-Istati Membri u mal-partijiet interessati f'April 2013.

Valutazzjoni tal-Impatt

Ġiet imħejjija valutazzjoni tal-impatt dwar l-emendar tal-PSD. Il-valutazzjoni tal-impatt tagħti ħarsa lejn id-diversi għażliet għall-emendar tal-PSD li huma mqabbla max-xenarju tal-"ebda azzjoni" jew tal-"istatus quo".

Instab li l-oppożizzjoni tan-nontassazzjoni doppja derivanti minn arranġamenti finanzjarji ibridi u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa se jkollha impatt pożittiv fuq id-dħul mit-taxxa tal-Istati Membri li b'xi mod jiġi affettwat mit-tnaqqis totali ta' taxxi mħallsa mill-partijiet involuti u mit-tnaqqis tat-taxxa addizzjonali tal-kostijiet għal ippjanar tat-taxxa u arranġamenti rilevanti. Ma kienx possibbli fil-valutazzjoni tal-impatt li jiġu kkwantifikati l-benefiċċji tal-emendi preferuti. Madankollu, iċ-ċifri involuti mhumiex kruċjali fid-deċiżjoni għall-ġlieda kontra l-arranġamenti finanzjarji ibridi u l-abbuż tat-taxxa; raġunijiet għal kompetizzjoni, effiċjenza ekonomika, trasparenza u ġustizzja - li minnhom is-suq intern ikun jista' jibbenefika ħafna - għandhom irwol importanti f'dan ir-rigward.

<u>Diskrepanzi f'self ibridu</u>

Fil-valutazzjoni tal-impatt, instab li l-aħjar għażla hija li tiċħad l-eżenzjoni mit-taxxa fil-PSD għall-pagamenti tad-distribuzzjoni tal-profitti li huma deduċibbli fl-Istat Membru tas-sors. Kif xieraq, l-Istat Membru tal-kumpanija li qed tirċievi (il-kumpanija prinċipali jew stabbiliment permanenti tal-kumpanija prinċipali) għandu jintaxxa l-parti tal-pagamenti tad-distribuzzjoni tal-profitt li huma deduċibbli fl-Istat Membru tas-sussidjarju li jħallas.

Instab li din l-għażla kienet l-għażla l-aktar effikaċi fil-ġlieda kontra l-arranġamenti finanzjarji ibridi hekk kif se tiżgura trattament konsistenti madwar l-UE. Din l-għażla se tgħin għall-ksib tal-għan fundamentali tal-PSD, jiġifieri sabiex jinħoloq ambjent ekwu bejn gruppi ta' kumpaniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti u gruppi ta' kumpaniji prinċipali u sussidjari fl-istess Stat Membru. L-effett mixtieq huwa li l-intrapriżi kollha jiġu ntaxxati fuq profitti mwettqa fl-Istat Membru tal-UE kkonċernat u li mhux kumpanija waħda tista' tevita li tkun intaxxata peremz ta' lakuni minn finanzjament ibridu f'sitwazzjonijiet transfruntiera. L-għan huwa li tintemm il-prattika inaċċettabbli li biha l-kumpaniji jevitaw tassazzjoni xierqa.

<u>Dispożizzjoni kontra l-abbuż</u>

Fil-valutazzjoni tal-impatt instab li l-għażla l-aktar effikaċi tkun li jiġu aġġornati d-dispożizzjonijiet attwali tal-PSD kontra l-abbuż fid-dawl tar-regoli ġenerali kontra l-abbuż proposti fir-Rakkomandazzjoni dwar l-ippjanar aggressiv tat-taxxa minn Diċembru 2012 u li jagħmluha obbligatorju għall-Istati Membri li jadottaw ir-regola komuni kontra l-abbuż.

Din l-għażla se tkun l-aktar għażla effikaċi biex jintlaħaq standard komuni għad-dispożizzjonijiet tal-PSD ta' kontra l-abbuż. Dispożizzjoni komuni kontra l-abbuż fl-Istati Membri kollha se tiżgura ċarezza u ċertezza għal kull min iħallas it-taxxa u l-amministrazzjonijiet tat-taxxa. Il-miżuri eżistenti tal-Istati Membri kontra l-abbuż jkopru firxa wiesgħa ta' forom u miri, wara li ġew imfassla f'kuntest nazzjonali biex jindirizzaw it-tħassib speċifiku ta' Stati Membri u l-karatteristiċi tas-sistemi ta' tassazzjoni tagħhom.

Din l-għażla se tipprovdi l-benefiċċji ta' ċarezza hekk kif se jiġi mistqarr espliċitament x'se jadottaw l-Istati Membri bħala regola kontra l-abbuż għall-iskop tal-PSD. Għalhekk se

jiżguraw li miżuri kontra l-abbuż adottati u implimentati u mill-Istati Membri tal-UE mhux se jagħtu lok għall-ebda kwistjoni ta' konformità tal-UE. Barra minn hekk, se jkun hemm l-istess applikazzjoni tad-Direttiva tal-UE mingħajr possibilitajiet għal "directive-shopping" (jiġifieri biex jiġi evitat li l-kumpaniji jinvestu permezz ta' intermedjarji fi Stati Membri fejn id-dispożizzjoni kontra l-abbuż hi inqas stretta jew fejn ma hemm l-ebda regola).

3. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Il-proposta tfittex li tindirizza diskrepanzi finanzjarji ibridi fil-kamp tal-applikazzjoni tal-PSD u li tintroduċi regola ġenerali kontra l-abbużi sabiex jitħares it-tħaddim ta' din id-direttiva.

Dawn l-objettivi jeħtieġu emenda tal-PSD, u għalhekk l-unika għażla possibbli hija li tiġi ppreżentata proposta tal-Kummissjoni għal direttiva. Fi kwistjonijiet ta' taxxa diretta, il-bażi ġuridika rilevanti hija l-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li skont dan il-Kummissjoni tista' toħroġ direttivi għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri kif jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-Suq Intern.

L-objettivi tal-inizjattiva ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti b'mod unilaterali mill-Istati Membri. Huma eżattament id-differenzi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali rigward it-trattament fiskali ta' finanzjament ibridu li jippermettu lill-kontribwenti, b'mod partikolari gruppi ta' kumpaniji, biex jimpjegaw strateġiji tal-ippjanar fiskali transfruntiera li jwasslu għal distorsjonijiet tal-flussi tal-kapital u tal-kompetizzjoni fis-Suq Intern. Barra minn hekk, u f'sens aktar ġenerali, differenzi konsiderevoli bejn l-approċċi tal-Istati Membri kontra mġiba abbużiva jwasslu għal inċertezza legali u jimminaw l-għan proprju tal-PSD bħala tali, jiġifieri l-abolizzjoni tal-ostakoli tat-taxxa għal raggruppament transfruntiera ta' kumpaniji ta' Stati Membri differenti. Azzjoni fil-livell tal-UE hija meħtieġa biex tilħaq aħjar l-għan ta' din l-inizjattiva. Għalhekk l-emendi proposti jikkonformaw mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. L-emendi proposti wkoll huma konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità peress li dawn ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet involuti u, b'hekk, biex jinkisbu l-għanijiet tat-Trattati, b'mod partikolari għall-funzjonament tajjeb u effettiv tas-Suq Intern.

Il-Prinċipju ta' sussidjarjetà

<u>Diskrepanzi finanżjarji ibridi</u>

Ir-reazzjoni ta' Stati Membri individwali għal diskrepanzi finanzjarji ibridi mhux se ssolvi l-problema b'mod effikaċji, billi l-kwistjoni toriġina mill-interazzjoni ta' sistemi differenti tat-taxxa nazzjonali. Tabilħaqq, inizjattivi singoli mhux ikkoordinati jistgħu jirriżultaw f'diskrepanzi addizzjonali jew fil-ħolqien ta' ostakoli fiskali ġodda fis-Suq Intern.

L-emendar ta' Konvenzjonijiet dwar it-Taxxa Doppja bejn l-Istati Membri ma jkunx metodu xieraq biex tiġi indirizzata l-kwistjoni, hekk kif kull żewġ pajjiżi jistgħu jaslu għal soluzzjoni differenti. Inizjattivi internazzjonali oħra, bħal dawk meħuda mill-OECD fuq l-erożjoni tal-bażi korporattiva, ma jkunux jistgħu jindirizzaw it-tħassib speċifiku tal-UE peress li dawn jeħtieġu emenda tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE.

Fl-aħħar nett, il-ftehim milħuq fil-Grupp tal-Kodiċi tal-Kondotta għall-Istati Membri biex jieħdu approċċ ikkoordinat jista' jiġi applikat biss wara emenda fid-direttiva dwar il-Kumpaniji Prinċipali u Sussidjarji li l-Istati Membri ma jistgħux jgħaddu mingħajr proposta mill-Kummissjoni.

<u>Dispożizzjoni kontra l-abbuż</u>

Id-direttiva dwar il-Kumpaniji Prinċipali u Sussidjarji tippermetti lil Stati Membri biex japplikaw dispożizzjonijiet, nazzjonali jew dawk imsejsa fuq ftehim, meħtieġa għall-

prevenzjoni tal-frodi jew l-abbuż. Din id-dispożizzjoni madankollu trid tinftihem kif interpretata mill-QtĠ-UE. Il-ġurisprudenza tal-QtĠ-UE tistabbilixxi l-prinċipju li l-Istati Membri ma jistgħux imorru lil hinn mill-prinċipju ġenerali tal-liġi tal-Komunità meta jirreaġixxu kontra mġiba abbużiva. Barra minn hekk, l-applikazzjoni tal-miżuri kontra l-abbuż m'għandhomx iwasslu għal riżultati inkompatibbli mal-libertajiet fundamentali tat-Trattat.

Barra minn hekk, il-miżuri eżistenti tal-Istati Membri kontra l-abbuż jkopru firxa wiesgħa ta' forom u miri, wara li ġew imfassla f'kuntest nazzjonali biex jindirizzaw it-tħassib speċifiku ta' Stati Membri u l-karatteristiċi tas-sistemi ta' tassazzjoni tagħhom. Is-sitwazzjoni attwali tagħti nuqqas ta' ċarezza għall-kontribwenti u għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa.

Filwaqt li jitqiesu dawn il-fatturi kollha, l-azzjoni tal-Istati Membri individwali ma tkunx daqshekk effettiva bħal azzjoni meħuda mill-UE.

Il-Prinċipju ta' proporzjonalità

L-obbligu għat-taxxa huwa limitat biss għall-porzjon tal-pagamenti finanzjarji ibridi li huma deduċibbli fl-Istat Membru tas-sors.

Il-GAAR proposta hija skont il-limiti ta' proporzjonalità previsti fil-ġurisprudenza tal-QtĠ-UE.

Għalhekk, l-emendi proposti huma konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità peress li dawn ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet involuti.

Kummentarju dwar l-Artikoli

Il-proposta timmira li timmodifika l-Premessi, l-Artikolu 1, l-Artikolu 4 u li jiġi aġġornat l-Anness I il-Parti A tal-PSD attwali. Il-modifiki u l-aġġornament jinsabu fl-Artikolu 1 tal-proposta.

<u>Premessi</u>

Bl-emenda proposta, il-premessi jispjegaw li, sabiex jiġi evitat li gruppi transfruntiera ta' kumpaniji prinċipali u sussidjarji jibbenefikaw minn vantaġġi mhux intenzjonati meta mqabbla ma' gruppi nazzjonali, il-benefiċċji tal-eżenzjoni mit-taxxa għandhom jiġu miċħuda għad-distribuzzjonijiet tal-profitti deduċibbli fl-Istat Membru tas-sors.

L-għan fundamentali tal-PSD huwa l-ħolqien ta' ambjent ekwu bejn gruppi ta' kumpaniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti u gruppi ta' kumpaniji prinċipali u sussidjari fl-istess Stat Membru.

Fiż-żmien li ġiet adottata l-PSD, gruppi transfruntiera ġeneralment kienu fi żvantaġġ meta mqabbla ma gruppi nazzjonali minħabba tassazzjoni doppja li għalihom kienu soġġetti d-distribuzzjonijiet ta' profitti; min-naħa l-oħra, il-konvenzjonijiet bilaterali ta' tassazzjoni doppja kienu insuffiċjenti biex joħolqu fl-UE kundizzjonijiet analogi għal dawk ta' suq intern.

Biex tinkiseb in-newtralità immirata, il-PSD ipprovdiet (i) għall-abolizzjoni tat-taxxi mid-distribuzzjonijiet tal-profitti u (ii) il-prevenzjoni ta' tassazzjoni ekonomika doppja ta' profitti distribwiti permezz ta' taxxa jew eżenzjoni jew bi kreditu tat-taxxa fl-Istati Membri jew kumpaniji prinċipali.

Minn dak iż-żmien 'l hawn, u f'dawn l-aħħar għaxar snin aktar u aktar malajr, is-sitwazzjoni evolviet.

Iż-żieda f'investimenti transfruntiera tat lil gruppi transfruntiera l-opportunità biex jużaw l-istrumenti finanzjarji ibridi biex b'hekk jieħdu, indebitament, vantaġġi mid-diskrepanzi bejn trattamenti ta' taxxa nazzjonali differenti u mir-regoli standard internazzjonali għal eżenzjoni

mit-tassazzjoni doppja. Dan iwassal, fi ħdan l-UE, għal distorsjoni fil-kompetizzjoni bejn gruppi transfruntiera u dawk nazzjonali, għall-kuntrarju tal-kamp ta' applikazzjoni tal-PSD.

Artikolu 1

Id-Direttiva proposta għandha tippermetti wkoll lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri sabiex jipprevjenu l-frodi u l-evażjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni speċifikat li l-frodi fiskali huwa forma ta' evażjoni intenzjonata tat-taxxa li ġeneralment tkun punibbli skont il-liġi kriminali, u l-evażjoni tat-taxxa ġeneralment tinkludi arranġamenti illegali fejn l-obbligu għal ħlas ta' taxxa ikun moħbi jew injorat[11].

Barra minn hekk, bil-għan li jiġi indirizzat ir-riskju ta' abbuż, huwa propost li d-dispożizzjoni attwali kontra l-abbuż tkun sostitwita billi tiddaħħal regola komuni kontra l-abbuż, ibbażata fuq klawżola simili inkluża fir-Rakkomandazzjoni dwar l-ippjanar aggressiv tat-taxxa.

Artikolu 4

Bl-emenda proposta, l-Istat Membru tal-kumpanija prinċipali u l-Istat Membru tal-istabbiliment permanenti tagħha jiċħad il-benefiċċji tal-eżenzjoni mit-taxxa għad-distribuzzjonijiet tal-profitti li huma deduċibbli mill-kumpanija sussidjarja tal-kumpanija prinċipali.

B'mod xieraq, f'ittra a) tal-paragrafu huwa speċifikat li l-Istat Membru tal-kumpanija li qed tirċievi (il-kumpanija prinċipali jew l-istabbiliment permanenti tagħha) għandu jibqa' lura milli jintaxxa l-profitti rċevuti mid-distribuzzjoni biss sal-punt fejn dawk il-profitti mid-distribuzzjonijiet mhumiex deduċibbli fl-Istat Membru tas-sors (jiġifieri fl-Istat Membru tas-sussidjarju li jqassam). L-Istat Membru tal-kumpanija li qed tirċievi għalhekk jintaxxa l-porzjon tal-profitti li huwa deduċibbli fl-Istat Membru tas-sors.

L-ebda taxxa minn ras il-għajn ma tkun imposta fuq il-profitti mqassma mill-kumpanija sussidjarja hekk kif il-pagament fl-Istat Membru tas-sussidjarju jiġi trattat bħala pagament ta' mgħax skont d-direttiva dwar l-Imgħax u d-Drittijiet Dovuti. Hemm proposta pendenti fil-Kunsill biex ikun hemm allinjament tal-limitu attwali ta' 25 % tal-eliġibbiltà fid-Direttiva dwar l-Imgħax u d-Drittijiet Dovuti mal-10 % tal-PSD[12]. Barra minn hekk, arranġamenti finanzjarji ibridi tipiċi huma stabbiliti fl-Istati Membri li ma jkollhomx taxxa minn ras il-għajn fuq ħlasijiet ta' imgħax skont dispożizzjonijiet nazzjonali jew ta' konvenzjonijiet ta' tassazzjoni doppja.

Anness I, Parti A)

L-emendi proposti jinkludu kumpaniji eliġibbli li ġew introdotti fil-liġijiet dwar il-kumpaniji tal-Istati Membri wara riformulazzjoni tad-direttiva. Il-Kummissjoni rċeviet talba għal aġġornament mir-Rumanija.

Għal dan il-għan, f'ittra (w) dawn iż-żewġ tipi ta' kumpaniji huma miżjuda: 'societăți în nume colectiv', 'societăți în comandită simplă'.

4. L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Din il-porposta ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja għall-UE.

---

11 SWD (2012) 403, p. 9.

12 Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar sistema fiskali komuni applikabbli għall-ħlasijiet tal-imgħax u għad-drittijiet dovuti li jsiru bejn kumpaniji assoċċjati minn Stati Membri differenti (riformulazzjoni) (COM (2011) 714).

2013/0400 (CNS)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpaniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Europea, u b'mod partikolari l-Artikolu 115 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[13],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[14],

Filwaqt li jaġixxi f'konformità ma' proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2011/96/KE teżenta d-dividendi u d-distribuzzjoni ta' profitti oħrajn mħallsa mill-kumpaniji sussidjarji lill-kumpaniji prinċipali tagħhom mit-taxxi f'ras il-għajn u telimina t-tassazzjoni doppja ta' tali introjtul fil-livell tal-kumpanija prinċipali.

(2) Il-benefiċċji tad-Direttiva 2011/96/UE m'għandhomx iwasslu għal sitwazzjonijiet ta' nontassazzjoni doppja u, għalhekk, jiġġeneraw benefiċċji fiskali mhux intenzjonati għal gruppi ta' kumpaniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti meta mqabbla ma' gruppi ta' kumpaniji fl-istess Stat Membru.

(3) Sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' nontassazzjoni doppja li jirriżultaw minn diskrepanzi fit-trattament tat-taxxa tad-distribuzzjonijiet tal-profitt bejn l-Istati Membri, l-Istat Membru tal-kumpanija prinċipali u l-Istat Membru tal-istabbiliment permanenti tagħha m'għandhomx jippermettu li dawk il-kumpaniji jkunu jistgħu jibbenefikaw minn eżenzjoni mit-taxxa applikata fuq profitti mqassma riċevuti, sal-punt li dawn il-profitti huma deduċibbli mill-kumpanija sussidjarja tal-kumpanija prinċipali.

(4) Sabiex jipprevjenu l-evitar tat-taxxa u l-abbuż permezz ta' arranġamenti artifiċjali, għandha tiddaħħal dispożizzjoni komuni kontra l-abbuż imfassla għall-iskop u l-għanijiet tad-Direttiva 2011/96/UE.

(5) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li din id-Direttiva ma tipprekludix l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali jew dawk ibbażati fuq ftehim li huma meħtieġa għall-prevenzjoni tal-evażjoni tat-taxxa.

[13] ĠU C , , p. .
[14] ĠU C , , p. .

(6) Huwa xieraq li jiġi aġġornat l-Anness I, il-Parti A ta' dik id-Direttiva biex ikunu inklużi forom oħra ta' kumpaniji li ġew introdotti fil-liġijiet dwar il-kumpaniji tar-Rumanija.

(7) Id-Direttiva 2011/96/UE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2011/96/EU hija emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 jiġu mibdul b'dan li ġej:

   "2. Din id-Direttiva ma tipprekludix l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali jew dawk imsejsa fuq ftehim meħtieġa għall-prevenzjoni tal-evażjoni tat-taxxa."

2. Għandu jiddaħħal l-Artikolu 1a li ġej:

   "Artikolu 1a

   1. L-Istati Membri jirtiraw il-benefiċċju ta' din id-direttiva fil-każ ta' arranġament artifiċjali jew serje artifiċjali ta' arranġamenti li ddaħħlu fis-seħħ bil-għan ewlieni li jinkiseb vantaġġ fiskali inġust skont din id-direttiva u li jxejjen l-iskop, l-ispirtu u l-għan tad-dispożizzjonijiet tat-taxxa invokati.

   2. Tranżazzjoni, skema, azzjoni, operazzjoni, ftehim, fehim, wegħda, jew impenn ta' arranġament artifiċjali jew parti ta' serje ta' arranġamenti li ma tirriflettix ir-realtà ekonomika.

      Fid-determinazzjoni ta' jekk arranġament jew sensiela ta' arranġamenti humiex artifiċjali, l-Istati Membri parteċipanti jaċċertaw, b'mod partikolari, jekk dawn jinvolvux waħda jew aktar mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

      (a) il-kwalifika ġuridika tal-miżuri individwali li minnhom huwa magħmul l-arranġament hija inkonsistenti mal-bażi ġuridika tal-arranġament fit-totalità tiegħu;

      (b) l-arranġament hu mwettaq b'mod li normalment ma jkunux użat f'mod rraġjonat fit-tmexxija ta' negozju;

      (c) l-arranġament jinkludi elementi li jħallu l-effett ta' tpaċija jew jikkanċellaw lil xulxin;

      (d) it-tranżazzjonijiet konklużi huma ta' natura ċirkolari;

      (e) l-arranġament jirriżulta f'benefiċċju tat-taxxa sinifikanti li mhux rifless fir-riskji tan-negozju mwettqa mill-kontribwent jew il-flussi tal-flus tiegħu.

3. Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1), il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

   "(a) iżommu lura milli jintaxxaw tali profitti jekk dawn il-profitti mhumiex deduċibbli mill-kumpanija sussidjarja tal-kumpanija prinċipali; jew"

4. Fl-Anness I, il-parti A il-punt (w) huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "(w) kumpaniji taħt il-liġi tar-Rumanija magħrufa bħala: 'societăți pe acțiuni', 'societăți în comandită pe acțiuni', 'societăți cu răspundere limitată', 'societăți în nume colectiv', 'societăți în comandită simplă';"

Artikolu 2

1. L-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma’ din id-Direttiva sa mhux aktar tard mil-31 ta' Diċembru 2014. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta’ dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President